MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 384/2006

Il-Pulizija
(Spt. K. Farrugia)

Vs
Robert Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tat-3.15 p.m. fil-Maghtab fin-Naxxar, fl-ghassa tan-Naxxar u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer,

1. Ingurja jew hedded persuni ta' whud inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghjhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-

esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u cioe fuq il-pesuna ta’ WPC 230 Anna Marie Vella u pulizija ohra;

2. Bi vjolenza jew b’theddid, gieghel ufficjal pubbliku u cioe lil ta’ WPC 230 Anna Marie Vella u ufficjali ohra tal-pulizija li ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom;

3. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom;

4. Voluntarjament kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 91, 95(1), 338(ee), 338(dd), 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u kkundannatu ghal hlas ta’ multa komplessiva ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandha tithallas f’rati mensili u konsekuttivi ta’ erbghin (40) lira Maltin, bl-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Novembru, 2006.
Fin-nuqqas jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.
Obbligat lill-appellat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidtx lil WPC 230 Anne Marie Vella ghal perjodu ta’ sena mill-lum taht penali ta’ mitt lira fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti ordnat ukoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghatu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-

akkuzi migjuba kontrih, u fejn obbligat lill-istess Robert Camilleri sabiex ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil WPC 230 Anne Marie Vella ghal perjodu ta’ sena mid-data ta’ dik is-sentenza taht penali ta’ mitt lira Maltin (LM100) fin-nuqqas, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w tirrevokaha w thassaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Robert Camilleri ghall-hlas ta’ multa komplessiva ta’ tlett mitt liri Maltin (LM300) li bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta kellha tithallas f’rati mensili u konsekuttivi t’erbghin lira Maltin (LM40) bl-ewwel pagament ikun dovut sa’ mhux aktar tard mit-30 ta’ Novembru, 2006 u fin-nuqqas li l-appellat ihallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hames liri dovuta, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor huma s-segwenti u cioe’ :- li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti l-piena tal-multa ghax l-artikoli 91 u 95 ma jikkontemplawx din il-piena izda biss il-piena tal-prigunerija w ma giex invokat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 91 jippreskrivi piena ta’ prigunerija ta’ minn erba xhur sa tlitt snin u l-art. 95, dik ta’ prigunerija bejn xaharejn u sitt xhur. Fi kwalunkwe kaz il-piena komplessiva skond l-art. 17(e) (Sic! – recte (d) ) taqbez it-tlitt xhur prigunerija. Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienetx fix-xorta jew fil-kwantita’ taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi d-difiza ta’ l-appellat issottomettiet li waqt it-trattazzjoni dwar il-piena quddiem l-Ewwel Qorti kullhadd kien fehem li ser jigi applikat l-art. 21 ghalkemm dan ma ssemmiex espressament fis-sentenza appellata. F’ kull kaz, l-art. 383

jipprovdi li l-obbligazzjoni imposta mill-Qorti tista’ tinghata minnflok il-piena applikabbli.

Ikkonsidrat;

Illi gie mifhum x’ gie mifhum minn dawk prezenti waqt it-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, jibqa’ l-fatt li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ma ghamlet ebda riferenza ghall-artikolu 21 u inqas u inqas ghal xi ragunijiet specjali u straordinarji li jistghu jwasslu lill-Qorti biex teroga piena izghar minn dik stabbilita ghar-reat jew reati involuti u li suppost, skond l-istess artikolu tal-ligi, ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, meta jkun ser jigi applikat l-istess artikolu.

Illi kif tajjeb issotmetta l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellat kien akkuzat u ammetta l-htija tieghu ghar-reati kollha komprizi dawk ta’ theddid u ingurji ta’ ufficjali tal-pulizija waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll ir-reat li bi vjolenza jew theddid gieghel ufficjali pubblici li ma jaghmlux xi haga li ghandha x’ taqsam mal-kariga taghhom ai termini tal-artikolu 91 tal-Kodici Kriminali,

Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. Ryan Dimech”** [14.10.2004], hu pacifiku fil-gurisprudenza li biex Qorti taghti piena taht il-minimu, irid ikun hemm “**ragunijiet specjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza”**.

Illi l-Ewwel Qorti ma ccitat ebda ragunijiet specjali w straordinarji li skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kienu jintitolawha li taghti piena izghar minn dik imsemmija fl-artikolu li jsemmi r-reat li tieghu l-akkuzat ikun instab hati w l-motivi citati minnha huma biss attenwanti li, al massimu, setghu jimmilitaw favur l-erogazzjoni ta’ piena vicin il-minimu imma mhux taht dak il-minimum.

Illi ghalhekk jidher car li l-inqas piena karcerarja li setghet tati l-Ewwel Qorti, sija esegwibbli minnufieh sija sospiza , kienet dik ta' erba xhur ghar-reat kontemplat taht it-tieni imputazzjoni biz-zieda ta' terz tal-piena applikabbli ghall-ewwel imputazzjoni w cioe' ghoxrin jum prigunerija, b' kollox ghalhekk erba xhur u ghoxrin jum prigunerija. Ghar-reati ta' natura kontravvenzjonali komprizi fit-tielet u r-raba imputazzjoni ma tinghatax piena skond l-art. 17(d) tal-Kodici Kriminali, ladarba l-piena ghad-delitti komprizi fl-ewwel u tieni imputazzjoni ma hix inqas minn tlitt xhur prigunerija.

Konsegwentement il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fix-xorta jew il-kobor taghha ma hix dik kontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-appellant gie misjub hati w dan jintitola lill-Avukat Generali li jinterponi appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ghab-bazi tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kodici Kriminali .

Illi l-argument tad-difiza li skond l-art. 383 il-Qorti setghet applikat il-garanzija u l-obbligazzjoni imsemmija f' dak l-artikolu minnflok il-piena ma jreggix . Dan ghax f' dan il-kaz mhux hekk sar ghax inghatat piena tal-multa flimkien mall-impozizzjoni tal-garanzija w obbligazzjoni. Ghalhekk l-Ewwel Qorti oltre l-obbligazzjoni riedet tinfliggi u fil-fatt infliggiet piena, imma li gara hu li din il-piena kienet zbaljata skond il-ligi.

Illi meta din il-Qorti giet biex tissostitwixxi l-piena zbaljata erogata mill-Ewwel Qorti, qieset il-fatt li dan ir-reat kommess principalment fil-konfront ta' membru femminili tal-Korp tal-Pulizija li kienet biss qed tesegwixxi d-dmirijiet taghha, jimmerita certament piena karcerarja. Il-Pulizija jridu jsibu protezzjoni mill-Qrati fil-qadi tad-dmirijiet delikati w perikoluzi taghhom. Trid tigi repressa l-kultura li tidher li qed tidhol fil-pajjiz li l-membri tal-Korp tal-Pulizija huma *"punching bag"* li kullhadd jista' jahbat ghalihom, jheddidhom, jingurjhom jekk mhux ikoll iferihom impunement. Il-Qrati jridu jidhru li qeghdin attivament jipprovdu din il-protezzjoni b' sentenzi serji w proporzjionati ghall-oltraggi jew offizi sofferti mill-membri tal-Korp.

Mill-banda l-ohra hawn si tratta ta' *first time offender* , ta' eta' tenera, li ammetta mill-ewwel il-htija tieghu w li skuza ruhu mall-membru tal-Korp tal-Pulizija koncernata w ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandu jinghata opportunita' ohra qabel ma jiffaccja r-realta ta' l-hajja karcerarja. Ghalhekk tara li s-sentenza restrittiva tal-liberta' ghandha tkun sospiza ghal terminu twil bizzejjed biex jigi accertat li l-appellat ma jergax jirriperti xi incident simili.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuzi migjuba kontrieh u fejn ukoll obbligat lill-appellat li ma jimmolestax, ma jingurjax u ma jheddidx lil WPC 230 Anne Marie Vella ghall-periodu ta' sena taht penali ta' mitt lira fin-nuqqas, ai termini tal-art. 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; w tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-piena ta' multa komplessiva ta' tlitt mitt lira Maltin (LM300) pagabbli b' rati mensili, u minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena komplessiva ta' erba xhur w ghoxrin jum prigunerija b' dana li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, din is-sentenza m' ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' tlitt snin mil-lum l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

It-terminu ta' sena li fih ghandha tibqa' ssehh l-obbligazzjoni imposta fuq l-appellat ai termini tal-art. 383 tal-Kodici Kriminali ghandu jibda jiddekorri mill-lum.

Il-Qorti qed tfiehem bi kliem car lill-appellat ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------